# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.8

## Kap 5: Ngħinu bil-qalb!

## Lezzjoni 5.8: Tumas m'emminx li kien Ġesù

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jisimgħu u jiftakru l-istorja ta' Tumas.
2. Jaraw kif Ġesù għen lil Tumas jemmen fih u jkollu l-paċi.
3. Janalizzaw kemm hu importanti li jemmnu lil min jafdaw.

## Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- Preżentazzjoni *(power point)* : L-istorja ta' Tumas wara l-qawmien ta' Ġesù.
- Karta ta' taħriġ : 5.6 (mill-Ktieb)
- Link: Ġesù jidher lill-appostli biex dawn jemmnu fil-qawmien tiegħu mill-mewt.

https://www.youtube.com/watch?v=8pzYDDNKJbE



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Din il-lezzjoni wkoll aħjar issir wara l-Għid ħalli min imur il-quddies ikun sema' l-ġrajja.
- Introduċi l-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti x'jafu li ġara wara li Ġesù qam mill-mewt.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Spjega li ma kienx faċli għall-appostli li jemmnu li Ġesù vera qam mill-mewt.
- Spjega li kien hemm appostlu minnhom li ried jara biex jemmen. Ara hemmx min jaf.
- Uri l-preżentazzjoni fejn se naqraw l-istorja tad-dehra ta' Ġesù lill-appostli. Ġimgħa wara deher lil Tumas.
- Ħalli l-istudenti jisimgħu u jiftakru din l-istorja.
- Staqsi kif Ġesù għen lil Tumas jemmen. Naraw kif Tumas aġixxa għal din id-dehra u l-kelmiet sbieħ li qal.
- Asal għall-punt li meta nemmnu u nħossu lil Ġesù magħna nkunu ferħanin.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-attivitajiet 5.6, aqra u spjega s-silta.
- Spjega bħala klassi Attività 1 u ħalli lit-tfal jimlew u jsibu l-kliem mit-tisliba. Għaddi l- attività bħala klassi ħalli kulħadd ikollu r-risposti t-tajbin.
- Stieden lit-tfal ipinġu l-istampa ta' Attività 2 u imla l-vojt mat-tfal.



- Ikkonkludi b'Attività 3 billi wara diskussjoni toħrġ il-punt tal-importanza li nemmnu u mhux dejjem niddubbitaw dak li jgħidulna.
- Spiċċa l-lezzjoni bil-klipp:

  https://www.youtube.com/watch?v=8pzYDDNKJbE

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Tumas kien iħobbu lil Ġesù.
2. Dan ma kienx magħhom meta Ġesù deher lill-appostli.
3. Hu ma riedx jemmen li kien ġie Ġesù.
4. Meta Ġesù reġa' deher, Tumas emmen għax Ġesù wrieh il-pjagi tiegħu.
5. Tumas iddispjaċieh li m'emminx qabel.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jieħdu pjaċir li għandhom lil min jistgħu jafdaw fil-ħajja tagħhom. Lil dawn il-persuni, it-tfal juru li jafwdawhom bil-ferħa.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Link: Id-dehriet ta' Ġesù lill-appostli.

  https://www.youtube.com/watch?v=8pzYDDNKJbE



**Nitolbu:**

O Ġesù, għinni nibqgħu dejjem nemmnu li Inti dejjem magħna. Għinna nħossu l-preżenza tiegħek fina u bħal Tumas dejjem ngħidulek, 'Mulej tiegħi u Alla tiegħi'.

